# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 963/20/1**

**Elena Victorovna Spagnol f'isem u għan-nom ta' bintha Liliya Koltsova; u Semen Ovsyanik**

**v.**

**a) Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates; u**

**b) L-Aġenzija Identity Malta**

1. L-atturi Semen Ovsyanik u Liliya Koltsova twieldu r-Russja fid-19 ta' Frar, 1996, u fis-17 ta' Novembru, 2004, rispettivament. Ommhom, Elena Victorovna Spagnol, iżżewġet raġel Malti f'Novembru 2007 u kienet ingħatat ċittadinanza Maltija f'Novembru 2013. Liliya Koltsova bdiet tirrisjedi f'Malta f'Jannar 2010, waqt li ħuha Semen Ovsyanik kien beda jirrisjedi Malta ma' ommu qabilha. Wara li ħadet iċ-ċittadinanza tagħha l-

attriċi bdiet il-proċess ta' applikazzjoni għall-għoti ta' ċittadinanza maltija għal uliedha, li dak iż-żmien kienu għadhom it-tnejn minuri. L-atturi jgħidu li minkejja li ilhom li bdew il-proċess ta' applikazzjoni huma għadhom ma ngħatawx iċ-ċittadinanza Maltija, u anzi għadhom ma semgħu xejn dwar din l-applikazzjoni, u dan minkejja li issa għaddew aktar minn ħames snin.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom, qegħdin b'mod abbużiv u llegali jiksru id-drittijiet ċivili ta' Elena Victorovna Spagnol, detentrici tal-karta tal-identità Maltija numru 3214L, li qed tidher f'isem bintha Liliya Koltsova, detentrici tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0137768A u ta' Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A, u li qegħdin allura jikkaġunawlhom ħsara b'mod irreparabbli stante illi għadhom sa llum, kemm lil Liliya Koltsova u lil Semen Ovsyanik, ma tawhomx b'mod effettiv mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' fatt jew ta' dritt, ic-cittadinanza Maltija spettanti lilhom skond il-Ligijiet ta' Malta b'konsegwenzi drastici ghalihom kollha.
>
> 2. Tordna b'mod sussegwenti illi l-intimati jew min minnhom għandhom b'mod effettiv jersqu sabiex fi żmien qasir u perentorju skond ma din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, johorgu ic-certifikat ta' cittadinanza Maltija lil Liliya Koltsova, detentrici tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0137768A u lil Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A.
>
> 3. Tiddikjara u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom, huma responsabbli ghal hsara f'forma ta' danni materjali u/jew morali illi garrbu r-rikorrenti permezz ta' dan id-dewmien ingustifikat, abbuziv u bla bzonn li sarrfet u ghadha qed issarraf fi ksur tad-drittijiet civili taghhom.
>
> 4. Tillikwida l-istess d-danni materjali kollha sofferti minhabba dan in-nuqqas kollu li qieghed isehh, jekk hemm bżonn anki bl-opra ta' periti nominandi ghal dan l-iskop u sussegwentement tordna lil intimati jew lil min minnhom jersqu għall-ħlas effettiv tal-kull ammont hekk likkwidat a favur taghhom.
>
> 5. Tillikwida ulterjorment, id-danni morali kollha sofferti minhabba in-nuqqasijiet kollha li sehhew maz-zmien stante illi Semen Ovsyanik, detentur tal-karta ta' permess ta' residenza Maltija numru 0073117A,

> kien u ghadu qieghed jigi pprivat kompletament mid-dritt sagrosant illi jkollu d-dritt li jahdem bhala cittadin Malti, u dan sakemm l-istess intimati jew min minnhom johorgu b'mod effettiv ic-certifikat ta' cittadinanza tieghu.
>
> Bl-ispejjeż tal-prezenti, u tal-ittra ufficcjali legali datata 14 ta' Novembru 2018, u bl-ingunzjoni tal-intimati."

3. Fid-29 ta' Settembru, 2021, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li taqra hekk:

> "Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxa illi l-azzjoni tal-atturi hija perenta ai termini tal-artikolu 469A (2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta."

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Jannar, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u għaldaqstant, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju."

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-31 ta' Jannar, 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli tinstema' l-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

6. Il-konvenuti appellati preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fil-15 ta' Frar, 2022, permezz ta' liema ssottomettew li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellanti jilmentaw li s-sentenza appellata hija "…sentenza qasira li tispikka wkoll fiha nuqqas ta' apprezzament, nuqqas ta' konsiderazzjonijiet u kif ukoll nuqqas ta' raġunar loġistiku u legali…" li waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-azzjoni odjerna hija waħda ta' stħarriġ amministrattiv meta jirriżulta b'mod ċar li huma mexxew azzjoni akwiljana u fl-ebda ħin ma għamlu xi aċċenn għal stħarriġ amministrattiv. Jargumentaw li meta wieħed iħares lejn l-azzjoni mressqa minnhom mill-ewwel jintebaħ li din l-azzjoni ċivili qed issir appożitament sabiex tiġi attakkata n-negliġenza grossolana, u n-nuqqas ta' diliġenza li l-konvenuti qed juru bid-dewmien irraġonevoli fl-aġir tagħhom li kellu jwassal sabiex ulied l-attriċi jieħdu c-ċertifikat ta' ċittadinanza fi żmien qasir u raġonevoli li wassal sabiex it-tfal ġarrbu ħsara psikoloġika u anke materjali. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti marret kontra l-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-Qrati ma jistgħux jeżorbitaw mill-arġinar tal-kawżalitajiet kif proposti quddiemhom bl-att promotur u ma jistgħux jikkonsidraw oħrajn li għalkemm ikunu ġew dibattuti ma jkunux ġew inklużi u mogħtija d-debita approvazzjoni, u li wkoll marret kontra l-prinċipju li l-att promotur għandu dejjem jiġi eżaminat fit-totalitá tiegħu u mhux spezzettat. Isostnu li għall-kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti huma ntavolaw azzjoni akwiljana "sabiex tissindika in-nuqqas ta'

aġir fil-limiti tar-raġonevolezza illi kellu jsir u jiġi adoperat mid-Direttur taċ-Ċittadinanza biex jagħti u jikkonsenja ċ-ċertifikat ta' ċittadinanza lit-tfal tagħha" u jżidu li dan in-nuqqas ta' diliġenza joħloq preċedent perikoluż għal mod kif il-ħajja taċ-ċittadin tiġi rrispettata b'dinjitá u integritá fir-relazzjonijiet bejn individwi u entitajiet li suppost iwasslu għar-rispett reċiproku. Jilmentaw li l-konvenuti qiegħdin b'mod abbużiv u llegali jiksru d-drittijiet ċivili tal-appellanti u jikkaġunawlhom ħsara rreparabbli. Jargumentaw li huma mhumiex qed jattakkaw in-nuqqas tal-konvenuti milli jilqgħu l-applikazzjonijiet tagħhom iżda qed jattakkaw biss in-nuqqas ta' diliġenza li qed jintwera fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u l-konvenuti m'għandhomx il-jedd li jaħarbu mill-provvedimenti tad-drittijiet ċivili għall-finijiet tal-Artikoli 1030 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili.

8. L-appellati jwieġbu li mhuwiex minnu li l-azzjoni attriċi hija ntiża sabiex jiġu assigurati d-drittijiet ċivili tal-appellanti, għaliex l-għoti *o meno* taċ-ċittadinanza ma jinkwadrax bħala dritt ċivili għall-finijiet tal-Kodiċi Ċivili jew liġijiet peress li hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala "*civil right or obligation*" kif diġá jinsab ikkonfermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin. Jargumentaw li fil-ġurisprudenza jinsab ukoll ikkonfermat li talba biex tingħata ċittadinanza hija kwistjoni amministrattiva u l-għoti jew le taċ-ċittadinanza huwa għemil amministrattiv u l-appellanti ma jistgħux jgħidu li hija azzjoni għad-danni biex jippruvaw jaħarbu l-effetti tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet

ta' Malta. Iżidu li l-fatt li l-appellanti ma kitbux dan l-artikolu fir-rikors promotur tagħhom huwa rrelevanti għaliex il-parametri tal-liġi u tal-azzjoni ġuridika ma tistax tiġi vvintata minn ħadd *stante* li toħroġ mill-liġi.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jattakkaw in-nuqqas tal-konvenuti milli jilqgħu l-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċittadinanza Maltija. Id-deċiżjoni tal-lum hija limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li permezz tagħha jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Mill-provi prodotti jirriżulta li Elena Victorovna Spagnol, li ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija f'Novembru 2013, applikat għaċ-ċittadinanza Maltija ta' uliedha l-attur Semen Ovsyanik u Liliya Koltsova fl-2014. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Semen Ovsyanik, din kellha tiġi sottomessa mill-ġdid mill-attur innifsu stante li fl-2014 huwa għalaq tmintax-il sena. L-attriċi tikkontendi li rappreżentanti tal-konvenuti kienu jgħidulha li ċ-ċertifikati ta' ċittadinanza ta' uliedha kienu waslu biex joħorġu iżda qatt ma ħarġu. Tgħid ukoll illi uliedha għandhom kull dritt illi jieħdu ċittadinanza Maltija.
>
> Skont it-tieni sub inċiż tal-artikolu 469A, egħmil amministrattiv tfisser 'il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.'
>
> Dan is-sub artikolu jkompli billi jiddisponi li:
>
> > "Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;
> >
> > "awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."
>
> Imbagħad, a tenur tat-tielet sub inċiż:

> "Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."

L-abbli difensur tal-atturi jikkontendi li l-assistiti tiegħu mhumiex qed jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet tagħhom u għaldaqstant, jargumenta li l-kawża tal-lum mhijiex waħda għal stħarriġ ta' egħmil amministrattiv.

Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx. Dak li qed jilmentaw dwaru l-atturi huwa proprju l-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jilqgħu l-applikazzjoni tagħhom għaċ-ċittadinanza Maltija u għalhekk, kif qalet proprju din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia vs Direttur taċ-Ċittadinanza et, tad-29 ta' Novembru 2018:

> "...Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li twettaq biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorità pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni..."

Dwar il-fatt illi l-atturi ma ġewx mgħarrfa formalment illi l-applikazzjoni tagħhom ma ġietx milqugħa, aktar qabel fis-sentenza suċitata ntqal proprju hekk:

> "Illi l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser wieħed x'għandu jifhem bil-kliem "egħmil amministrattiv". Dak l-artikolu jgħodd għall-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut li jsir minn xi awtorità pubblika għal talba ta' xi persuna, imma ma tgħoddx fiha xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni fi ħdan l-istess awtorità. Fi kliem l-istess artikolu, iċ-ċaħda ta' talba titqies ukoll bħala "egħmil amministrattiv" u nnuqqas ta' għoti ta' tweġiba jew deċiżjoni fiż-żmien preskritt titfisser ukoll bħala ċaħda tat-talba. Fl-istess artikolu b'"awtorità pubblika" l-liġi tifhem il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwiti permezz ta' liġi."

Mill-atti jirriżulta li l-atturi applikaw għaċ-ċittadinanza f'Novembru 2014, bagħtu ittra uffiċjali lid-Direttur konvenut f'Novembru 2018 fejn interpellawh sabiex joħroġ iċ-ċertifikati ta' ċittadinanza u din il-kawża saret kważi sentejn wara, f'Ottubru 2020. L-atturi ma ġabu l-ebda prova sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom illi huma kienu ġew mgħarrfa li l-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom kien għadu għaddej.

Għaldaqstant, skont it-tieni u tielet sub inċiż tal-artikolu 469A, la darba l-atturi baqgħu ma ġewx notifikati b'deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta l-ittra uffiċjali tagħhom ġiet notifikata lill-konvenut, minn dakinhar illi għaddew dawk ix-xahrejn, in-nuqqas ta' deċiżjoni tikkostitwixxi rifjut

u l-kawża għal stħarriġ ta' dak l-egħmil amministrattiv kellha ssir fi żmien sitt xhur minn dakinhar tar-rifjut.

L-atturi ma jistgħux iħallu ż-żmien jgħaddi imbagħad jippretendu li jintavolaw kawża li jgħidu li saret taħt il-liġi ġenerali. Kif ingħad proprju fil-każ ta' Hamid Rami vs Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et, tas-7 ta' Frar 2014:

> "Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tgħid li, mqar jekk l-attur kellu raġun, ma kienx tajjeb li jħalli ż-żmien jgħaddi. Fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv', il-liġi trid li "ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perijodu li fih awtorità pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' dik it-tifsira". Dan ifisser li jekk kemm-il darba kien minnu li d-Direttur imħarrek baqa' ma tax deċiżjoni lill-attur dwar it-talba tiegħu, huwa dejjem seta' fetaħ il-kawża minnufih kif għaddew ix-xahrejn żmien minn dak inhar li l-istess Direttur laqa' għandu l-ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Dan huwa appell minn sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' liema ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li l-azzjoni attriċi hija perenta għall-finijiet tal-Artikolu 469A(2) u (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanti jikkontendu li din id-deċiżjoni hija żbaljata għaliex l-azzjoni attriċi mhijiex waħda ta' stħarriġ amministrattiv ibbażata fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda waħda ta' danni akwiljani bbażata fuq l-Artikolu 1030 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili.

11. L-appellanti jargumentaw li huma mhux qed jattakkaw in-nuqqas tal-konvenuti li jilqgħu l-applikazzjoni sottomessa minnhom iżda biss in-nuqqas ta' diliġenza li l-konvenuti wrew fl-ipproċessar tal-applikazzjoni

tagħhom, u jgħidu li dan jirriżulta b'mod ċar mid-diċitura tar-rikors ġuramentat tagħhom. Wara li rat l-atti tal-kawża din il-Qorti peró ma taqbilx ma' dan l-argument. Għalkemm huwa minnu li l-appellanti qed jilmentaw dwar dak li jgħidu huwa dewmien inġustifikat min-naħa tal-konvenuti biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza tagħhom, huwa ċar li l-kwistjoni dwar in-nuqqas tal-konvenuti li joħorġu ċ-ċertifikati ta' ċittadinanza in kwistjoni hija parti integrali mill-azzjoni attriċi. Fil-fatt, fl-ewwel talba tagħhom l-atturi jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti qed jaġixxu b'mod abbużiv u llegali għaliex "ma tawhomx b'mod effettiv mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' fatt jew ta' dritt, iċ-ċittadinanza Maltija spettanti lilhom skond il-Liġijiet ta' Malta b'konsegwenzi drastiċi għalihom." Huwa ċar għalhekk li l-appellanti qiegħdin fil-fatt jattakkaw in-nuqqas tal-konvenuti li joħroġu ċ-ċertifikati ta' ċittadinanza tagħhom għaliex bil-mod kif inhi mpostata l-ewwel talba tagħhom il-kontestazzjoni mhijiex id-dewmien biex joħorġu dawn iċ-ċertifikati kif l-atturi jgħidu fl-appell tagħhom iżda proprju l-fatt li ma nħarġux. Din il-konsiderazzjoni tkompli tiġi kkorroborata bit-tieni talba attriċi permezz tal-liema l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex joħorġu ċ-ċertifikati taċ-ċittadinanza tagħhom, kwistjoni li tabilfors tkun teħtieġ eżami tal-mertu tan-nuqqas li jinħarġu ċ-ċertifikati, u mhux biss konsiderazzjoni dwar id-dewmien biex isir dan, għaliex fil-liġi m'hemm l-ebda dritt awtomatiku u ċert għall-għoti taċ-ċittadinanza li hija kwistjoni mħollija nterament fid-diskrezzjoni tal-Ministru responsabbli. Għalhekk l-Ewwel

Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li l-atturi qiegħdin proprju jilmentaw mill-fatt li l-konvenuti naqsu milli jilqgħu t-talba tagħhom għaċ-ċittadinanza Maltija.

12. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-kwistjoni tal-għoti taċ-ċittadinanza hija kwistjoni amministrattiva għaliex tinvolvi talba magħmula lill-awtoritá pubblika biex tieħu deċiżjoni u għalhekk taqa' *entro* t-termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont il-*proviso* għat-tieni sub-inċiż ta' dan l-artikolu, fejn il-liġi ma tistabilix terminu *entro* liema l-awtoritá pubbliku trid tieħu deċiżjoni, jekk l-awtoritá pubblika in kwistjoni ma tagħtix deċiżjoni dwar it-talba magħmula lilha fi żmien xahrejn min-notifika tat-talba, allura għandu jitqies li dik it-talba ġiet miċħuda. Għalhekk f'għajnejn il-liġi din mhijiex sitwazzjoni ta' dewmien iżda sewwasew ta' rifjut tal-applikazzjonijiet tal-appellanti, u dan ir-rifjut jikkostitiwixxi għemil amministrattiv irrispettivament minn x'jgħidu l-appellanti għaliex it-talbiet ġudizzjarji jridu tabilfors jiġu arġinati fil-liġi. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li t-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit fl-Artikolu 469A (3) huwa applikabbli għal dan il-każ odjern, u li għaldaqstant l-azzjoni tal-appellanti hija perenta peress li ġiet intavolata ferm wara li għadda ż-żmien perentorju ta' sitt xhur, li f'dan il-każ beda jiddekorri minn Jannar 2015, u ċioé xahrejn wara li ssottomettew l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għoti taċ-ċittadinanza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da